MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 312/2004

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**Vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mill-attrici fil-15 ta' Settembru 2004;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut tardivament fis-26 ta' Settembru 2005; [fol.62]

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fil-15 ta' Marzu 2006 biex jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju jittratta dwar ir-rikors prezentat mill-konvenut fil-15 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu huwa talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu stante li n-nota ta' l-eccezzjonijiet giet prezentata minnu tardivament.

Mill-provi rrizulta li l-attrici pprezentat l-att tac-citazzjoni fil-15 ta' Settembru 2004, u wara diversi tentattivi inutili maghmula minnha biex tinnotifika lill-konvenut, hija giet awtorizzata tinnotifikah bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni.

Fit-23 ta' Mejju 2005 saret l-affissjoni fil-postijiet indikati mill-ligi, u fl-24 ta' Mejju saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, filwaqt li fid-29 ta' Awissu 2005 saret il-pubblikazzjoni f' Gazzetta lokali.

Il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu jghid li f' dan iz-zmien huwa kien jghix ma' huh u martu. u li "gieli karti jigu u jhalluhom ghax ma jafux jaqraw la bil-Malti u ftit Ingliz." [fol.96] Huwa spjega li kien imsiefer fil-perijodu bejn it-30 ta' Mejju u t-22 ta' Awissu 2005; u li meta gew f' idejh l-atti gudizzjarji huwa mar ghand l-Avukat tieghu. B' dan il-mod il-konvenut spjega l-ghaliex ipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu xahar wara li kien irceva l-atti.

Illi ezami tal-provi relevanti f'dan ir-rigward juri li meta saret l-affissjoni fil-post fejn kien qed jirrisjedi l-konvenut, huwa kien qieghed Malta jghix f' dak il-post, u allura kellu jkun jaf bil-proceduri odjerni promossi kontra tieghu. Di piu' l-affidavits ta' l-attrici gew notifikati lilu fid-29 ta' Awissu 2005 meta huwa kien gja rritorna mis-safar, kien qieghed Malta, u di fatti kien notifikat bihom debitament. Ghalhekk huwa kellu jkun jaf bil-proceduri gudizzjarji. Illi ma dan kollu, nonostante li gie notifikat bil-pubblikazzjoni fid-25 ta' Awissu 2005, huwa xorta baqa' passiv u halla kwazi xahar jghaddi qabel ma prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fis-26 ta' Settembru 2005.

Il-Qorti tirrileva li l-iskuza mressqa mill-konvenut li huh u l-familja tieghu ma jafux jaqraw bil-Malti u kkonsenjawlu l-karti tardivament, hija fjakka bhala tentattiv biex jiggustifika l-kontumacja tieghu; ghax gjaladarba huwa kien jaf b' din is-sitwazzjoni huwa kien fid-dmir li juri aktar premura u jassikura li l-korrispondenza li jircevi ghandha tigi konsenjata lilu bla dewmien, u dan fuq bazi gjornaljera; multo magis, meta l-konvenut kien jaf bil-proceduri pendenti meta kien gie notifikat fid-29 ta' Awissu 2005 bl-affidavits prezentati minn martu fejn hemm specifikat b' mod car in-numru tal-kawza u d-data tad-differiment.

Konsiderazzjoni ohra relevanti ghall-vertenza in disamina huwa l-fatt li, ghalkemm in-nota ta' l-eccezzjonijiet tardiva tal-konvenut giet prezentata minnu fis-26 ta' Settembru 2005, ir-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja gie prezentat hames xhur u nofs wara, fil-15 ta' Marzu 2005, u n-notifika ta' l-istess rikors, ordnata mill-Qorti fis-17 ta' Marzu 2005 giet imhallsa mill-konvenut tlett gimghat wara, fis-7 ta' April 2006. Il-Qorti ragjonevolment kienet tippretendi li fic-cirkostanzi l-konvenut kellu juza aktar premura biex jipprova jissana l-posizzjoni tieghu mill-aktar fis u minghajr dewmien, u mhux ihalli il-fuq minn sitt xhur jghaddu biex jaghmel ir-rikors u jhallas in-notifika tieghu.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-atteggjament tal-konvenut lejn l-atti gudizzjarji mibghuta lilu tikkostitwixxi fil-minimu non kuranza da parti tieghu u fil-massimu tentattiv sabiex itawwal il-proceduri odjerni istitwiti kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba tal-konvenut kontenut fir-rikors tieghu tal-15 ta' Marzu 2005, u konsegwentement tordna l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu prezentata fis-26 ta' Settembru 2005 a fols.62 sa 64 tal-process, u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------